**162. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, l-Abbozz ta' Liġi li nqara l-Ewwel Darba f'din is-Seduta u li hu msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15" ikun eżenti mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, u jkun dikjarat urġenti biex aktar minn stadju wieħed tiegħu jista' jittieħed fl-istess seduta tal-lum, li għal dan l-iskop tkun eżenti mill-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, jekk meħtieġ.

18.05.1984